MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1882/2004

**Carmel sive Charles Bianco f'ismu u ghad-ditta C.Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Silvio Brincat u Ruth Brincat**

Numru
Talba Numru 1882/2004

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1381.50) import ta' disgha kambjali ta' Lm153.50 kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn 1999 u 2004, b'l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuta Ruth Brincat li permezz taghha qalet li ilha de facto separata minn mar-ragel taghha Silvio Brincat u b'hekk se mai ma taf xejn dwar in-negozju li ghamel; illi di piu hi qed izzomm distanza minn negozju li ghamel u li qed jaghmel; u minghajr pregudizzju ghall-premess hi tikkontesta s-somma pretiza.

Ra li l-konvenut Silvio Brincat ghalkemm notifikat baqa ma deherx u lanqas prezenta risposta.

Ra x-xhieda ta' l-Avv Dr Malcolm Pace u ta' Carmel Bianco.

Ra d-dokumenti esebieti u cioe l-kambjali in kwistjoni.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1381.50) import ta' disgha kambjali ta' Lm153.50 kull wahda liema kambjali kollha mmaturaw ghall-hlas.

Mill-atti processwali jirrizulta li d-disgha kambjali in kwistjoni mmaturaw ghall-hlas f'l-ahhar ta' kull xahar bejn Awissu 2000 sa April 2002 u mhux kif indikat f'l-Avviz ta' Talba u cioe bejn is-sena 1999 u 2004.

Mill-atti processwali jirrizulta ukoll li dawn il-kambjali ghandhom il-firem facilment legibbli ta' S.Brincat u Ruth Brincat.

F'dawn il-proceduri l-unici zewg persuni li xehdu kienu l-Avv Dr Malcom Pace li kkonferma li l-ammonti indikati fil-kambjali kien ghadu dovut, u Carmel Bianco, l-attur prodott bhala xhud mill-konvenut, li kkonferma li l-kambjali gew iffirmati miz-zewg konvenuti u li hu ma kienx jaf li l-konvenuti kienu de facto separati. Ta' min wiehed jinnota

li l-konvenuta ghazlet li ma tixihdx u li ma tressaqqx xiehda ohra ghajr ghall-attur.

Minkejja dan, il-konvenuta (tramite il-konsulent legali taghha permezz tal-mistoqsijiet maghmula lill-attur u fil-kors tat-trattazzjoni ghalkemm mhux fir-risposta), qed tallega li l-firma li hemm fuq il-kambjali m’hiex taghha. Hi fir-risposta taghha tghid ukoll li ilha de facto separata minn mar-ragel taghha l-konvenut l-iehor u b’hekk ma taf xejn dwar in-negozju li ghamel u li hi qed izzomm distanza minn negozju li ghamel u li qed jaghmel.

It-Tribunal jhoss li ghandu jirrileva mill-ewwel li ma ngabet l-ebda prova li b’xi mod tista tindika li l-konvenuti kienu separati, de facto jew legalment, hekk kif ma ngabet l-ebda prova in sostenn ta’ l-allegazzjoni li l-konvenuta ma kellha l-ebda involviment fin-negozju konkluz ma’l-attur.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li azzjoni kambjarja hija ndipendenti mill-causa obligationis li minhabba fiha l-kambjala tkun giet mahruga. Id-debitu kkostitwit f’kambjala huwa tali mhux ghax hemm obbligazzjoni pre-ezistenti imma ghaliex id-debitur iffirma l-kambjala (ref Antoine Vassallo vs James Anthony Cefai – Appell Civili Inferjuri 16.03.05).

Huwa pacifiku ukoll li *l-azzjoni kambjarja hija azzjoni awtonoma u dak li ghandhu jigi rigwardat f’azzjoni simili huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjala stess* (ref United Acceptance Finance Limited vs Mario Grech – Appell 06.10.2000).

Principji ohra stabbiliti huma li l-eccezzjonijiet li kienu ta’ natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn-negozju li ta’ lok ghall-hrug tal-kambjala u li setghu idewmu d-determinazzjoni ta’ l-azzjoni kambjarja kellhom jigu skartati (ref Adrian Busietta vs Marco Attard – Appell 09.02.2001). Hemm eccezzjonijiet pero (partikolarment dawk dwar il-vizzju ta’ kunsens minhabba dolo jew vjolenza) li ghandhom jigu ezaminati ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tiffavorixxi lil min ikun agixxa

dolozament, u ghalhekk l-provi dwar l-allegat vjolenza jinstemaw fl-istess gudizzju fejn tigi mitluba l-adempjenza ossia l-hlas tal-kambjala (ref Vassallo vs Cefai op cit u l-iskorta ta' sentenzi hemm citati).

Tenut kont ta' dawn il-principji legali it-Tribunal jhoss li jista facilment jiskarta l-allegazzjonijiet tal-konvenuta dwar is-separazzjoni u li hi ma kienet taf xejn dwar in-negozju relattiv ghan-negozju ma' l-attur.

Dwar is-separazzjoni kif diga rilevat ma ngabet l-ebda prova li kien hemm separazzjoni legali bejn il-konvenuti konjugi Brincat. Konsegwentement ma jirrizultax li fil-mument tan-negozju ma kenitx veljanti bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-attur tinkombi fuq iz-zewg konvenuti konjugi Brincat in solidum.

Kenitx taf il-konvenuta dwar in-negozju tal-karozza jew le huwa fattur irrelevanti ghaliex din hija azzjoni kambjarja u kif fuq spjegat id-debitu kkostitwit f'kambjala huwa tali, mhux ghax hemm obbligazzjoni pre-ezistenti, imma ghaliex id-debitur iffirma l-kambjala. Ghalhekk la darba il-kambjali gew iffirmati d-debitu jezisti indipendentement minn negozju li wassal biex jigu iffirmati l-kambjali.

Dan igib lit-Tribunal ghall-allegazzjoni li l-konvenuta ma ffirmatx il-kambjali.

La darba fuq il-kambjali hemm firma li tinqara Ruth Brincat l-implikazzjoni li qed taghmel il-konvenuta hija necessarjament li l-firma li l-attur jghid (u li tidher mill-kambjala) li hija ta' Ruth Brincat giet falsifikata.

F'dan ir-rigward ukoll l-konvenuta ma gabet l-ebda prova u lanqas xehdet hi; l-unika haga li sar kienu mistoqsijiet lill-attur dwar il-prezenza tal-konvenuta fil-mument ta' l-iffirmar tal-kuntratt u l-kambjali. Dwar ix-xhieda moghtija mill-attur f'dan ir-rigward it-Tribunal jhoss li ghalkemm inizjalment l-attur ma kienx daqshekk car fuq il-metodu adoperat ghall-iffirmar tal-kambjali u l-kuntratti relativi pero finalment ta' spjega accetabbli.

Tenut kont ta’ dan u in vista tal-fatt li l-konvenuta ma resqet l-ebda prova li b’xi mod setghet issostni l-allegazzjonijiet maghmula minnha, it-Tribunal ma jistax ma jaccettax il-kambjali esebieti bhala prova sufficjenti tal-kreditu favur is-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1381.50) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------